# TUG OF WAR

Riżorsi riflettivi tar-Randan għaż-żgħażagħ bil-kontribut ta' Dr Joseph Ciappara

# TUG OF WAR

Dan huwa sett ta' riżorsi riflettivi għaż-żgħażagħ tul iż-żmien tar-Randan maħduma mill-uffiċċju tal-Malta Catholic Youth Network, bil-kontribut ta' Dr Joseph Ciappara, lettur tal-lingwi bibliċi u t-Testment l-Antik fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta. B'kontinwazzjoni mar-riżorsi tas-sena preċedenti — ERBGĦIN — din is-sena se nkunu qed nirriflettu fuq is-sejħa t'Abraham, li skont filosfu Lhudi mis-seklu 12, kellu 40 sena meta wasal biex għaraf 'il-Ħallieq tiegħu.

Kif tistgħu tosservaw, dawn is-sessjonijiet huma msejsa f'format ta' mistoqsija u tweġiba. Tista' tisma' t-taħditiet sħaħ ma' Dr Ciappara fuq YouTube, Spotify, u l-kumplament tal-kontenut fuq is-sit uffiċjali tagħna **mcyn.org**. Madankollu, ħsibna li nibagħtulkom kopja fiżika f'każ li tkunu tridu temendaw il-kontenut jew il-format skont l-esiġenzi tal-gruppi tagħkom.

Filwaqt li nawgurawlkom żminijiet qaddisa u nwegħdukom talbna, nitolbukom tħossukom liberi li tagħmlu kuntatt magħna fuq **youths@maltadiocese.org** jew fuq is-siti soċjali tagħna.



# VJAĠĠ

## Min hu Abraham?

Ir-rakkont tas-sejħa t'Abraham jibda proprju f'kapitlu 12 mill-Ġenesi, iżda kif jagħlaq kapitlu 11, l-awtur itina ftit kuntest ta' min kien Abram u tal-familja tiegħu. Min jaf kemm-il darba smajna b'dan Abram! Probabbilment smajna li hu figura sinifikanti kemm fil-Ġudaiżmu, fil-Kristjaniżmu, kif ukoll fl-Iżlam. Tant hu hekk li dawn ir-reliġjonijiet insejħulhom 'Abramiċi'. Abraham kien, għadu, u jibqa' l-ewwel fost il-patrijarki, il-persuna magħżula minn Alla biex minnu jitnissel u jitwieled il-poplu Lhudi.

## Kif nistgħu nirrelataw miegħu speċjalment f'dal-vjaġġ tar-Randan?

Meta nħarsu lejn l-ambjent familjari tiegħu, naraw kif dan il-personaġġ għandu ħafna x'jgħidilna u x'jgħallimna. Kapitlu 11 jgħidilna li Abram kien l-ikbar fost it-3 subien ta' Teraħ. L-awtur jgħidilna li Ħaran, l-iżgħar fost is-subien, miet qabel missieru Teraħ. Għaldaqstant, nagħrfu li din il-familja diġà għaddiet minn telfa u li ċertament hija wkoll ħasda. Riflessjoni għalina minn dan kollu hi: **liema huma dawk l-esperjenzi f'ħajjitna li jaħsduna u jpoġġulna saqajna mal-art?** L-istess kapitlu jgħidilna wkoll li Saraj, il-mara t'Abram, kienet sterili u għalhekk ma setax ikollha tfal. Mill-ewwel għandna indikazzjoni li din il-familja għaddejja minn problemi fil-ħajja li attwalment jgħaddi minnhom kulħadd. F'dan kollu, Alla jogħġbu jagħżel minn din il-familja, minkejja dawn l-isfidi msemmija. L-awtur iżid li, wara l-mewt ta' Ħaran, Teraħ jaqbad il-familja — lil Abram, Saraj, u Lot (it-tifel ta' Ħaran) — u jitilqu f'post ieħor. Għaldaqstant, mistoqsija ġusta hi: Teraħ qed jipprova jaħrab minn din it-traġedja li ġratlu? Biss, wara ftit, l-awtur jerġa' jipprovdilna dettall bl-istess isem tal-personaġġ li għadu kif miet: Ħaran. Jgħidilna li din il-familja marret f'post jismu Ħaran, u bdiet tgħix hemm. Forsi dan huwa mod sottili kif l-awtur sagru qed jgħidilna li Teraħ, minkejja li qed jipprova jaħrab mit-traġedja t'ibnu, qed jerġa' jaffronta din it-traġedja li terġa' tirritorna b'mod qawwi fil-ħajja ta' kuljum tiegħu, tant li jieqaf f'post li jismu eżatt bħal ibnu l-maħbub li tilef. Għalhekk, riflessjoni oħra importanti hawn hi: **X'inhuma dawk ir-realtajiet f'ħajjitna li qed naħarbu minnhom?** Jekk mhux illum, għada hemm mnejn li nerġgħu nħabbtu wiċċna magħhom.

## Minn fejn beda l-vjaġġ tas-sejħa?

Li nafu fiċ-ċert hu li f'punt partikulari f'ħajjet Abram, Alla intervjena. Madankollu, meta kien iż-żmien u fejn kien il-post, l-awtur ma jispeċifikax. Kapitlu 12 jibda: "U l-Mulej qal lil Abram, 'Qum u itlaq minn artek, minn art twelidek, u minn dar missierek, lejn l-art li se nurik.'" Sejħa li letteralment tiġri bħal sajjetta fil-bnazzi. Hemm Rabbini li jgħidu li Abram kellu 40 sena meta Alla intervjena f'ħajtu; biss, l-awtur sagru ma jgħidilniex dwar dan. 40

sena m'għandniex niħduhom b'mod letterali. Meta jissemma n-numru 40 fl-Iskrittura nfissru l-kompletezza ta' fażi ta' ħajja. Għaldaqstant, l-40 sena attribwiti lil Abram mir-Rabbini huma l-mument meta Alla għarraf lil Abram biex jinqala' minn fejn kien u jibda din il-mixja ta' skoperta dwaru nnifsu u dwar Alla f'ħajtu. Wara dan, imbagħad, titwieled il-missjoni li minnu jitnissel il-poplu l-magħżul u li minnu tibda l-istorja tas-salvazzjoni.

### X'nistgħu napplikaw għall-vjaġġi tagħna llum?

Is-sens ta' Tug of War ma jidher imkien iktar qawwi daqskemm jidher f'Abraham. Aħna meta naqraw is-sejħa forsi nistħajlu li Alla qed isejjaħ lil Abram biex jitlaq minn fejn hu. Madankollu, apparti l-mixja fiżika tal-ħajja, hemm iktar minn hekk. Li kieku jkollna nittraduċuha għal-lingwa oriġinali — *Lech Lecha* — it-traduzzjoni proprja għandha tkun: *itlaq lejk innifsek*. U din hi proprju t-Tug of War. Kontradizzjoni. Hemm is-sejħa għal Abram biex joħroġ minn dak kollu li għamlu Abram sa dakinhar, miż-żoni ta' kumdità li ħafna drabi aħna wkoll insibu ruħna fihom. Sejħa biex jitlaq minn dar missieru, u mill-art ta' Ur (art fertili ħafna fil-Mesopotamja). L-awtur, biex iżid ma' dan, jgħidilna li Abram telaq lejn id-deżert. Allura, il-personaġġ qed jinqala' minn kumdità biex jidħol fi proċess ta' tbatija: tbatija t'inċertezza u ta' dak li mhuwiex magħruf. U din hi l-iktar ħaġa li tbeżża' 'l-bniedem: dak li mhuwiex magħruf. Hawn nies li huma komdi fit-tbatija tagħhom, tant hu hekk li bl-Ingliż ngħiduha: "better the devil you know." Għaliex? Dak li ma nafux iwaħħaxna, allura kultant naħsbu li aħjar nibqgħu fejn inkunu. Imma Alla jintervjeni u hawn tidħol it-tieni parti tas-sejħa — *Lecha* — *lejk innifsek*. U allura nagħrfu li l-vjaġġ mhuwiex biss fiżiku, imma wkoll spiritwali-interjuri. L-estern f'Tug of War mal-intern. U dan il-vjaġġ hu dak li jistedinna nagħmlu r-Randan:

**- Liema hi dik il-kumdità f'ħajjitna li Alla qed jistedinna biex ninqalgħu minnha?**

> *Tista' tkun dipendenza imma tista' wkoll tkun persuna, kif Abram kien dipendenti minn missieru, anke f'età matura. U missieru, daqstant ieħor, dipendenti fuqu. Ċertament, dan huwa pass fid-dlam għalina lkoll, iżda li jlaqqagħna magħna nfsuna u jippermettilna nikbru.*

**- X'inhu dak il-pass fid-dlam li qed nibżgħu nieħdu u li mhux qed iħallina nikbru?**

> *L-ostaklu li mhux qed iħallina niltaqgħu magħna nfsuna, jostaklolna wkoll il-vjaġġ li niltaqgħu mal-veru Alla.*

*Missier Qaddis, nitolbuk tibgħat l-Ispirtu tiegħek fi qlubna u ddawlilna moħħna sabiex nagħrfu s-sejħat li tagħmel f'ħajjitna. Nitolbuk iddawlilna r-realtajiet li qegħdin fid-dlam, li jġegħluna naħarbu, u li bihom inħossuna skomdi. Għinna naċċettaw dawn ir-realtajiet, niltaqgħu magħhom, u bihom nikbru. Fuq kollox, Mulej, nitolbuk tagħtina l-qawwa tal-Ispirtu tiegħek li jagħtina l-kuraġġ ninqalgħu mill-kumditajiet tagħna biex nibdew dan il-vjaġġ. Il-vjaġġ t'Abram kien flimkien miegħek:* ***inti kont hemm ma' kull pass li għamel f'ħajtu****, kull pass fiżiku u spiritwali. Għalhekk nitolbuk biex dal-vjaġġ tar-Randan idaħħalna fina nfsuna għaliex hemm niskopru l-identità sabiħa tiegħek.*

# SEJHA



## X'kienet is-sejħa t'Abraham?

Kif irriflettejna, il-kmand li ltqajna miegħu s'issa hu biex Abram jitlaq minnu nnifsu. Tajjeb naraw ftit x'kellu jħalli Abram minn dar missieru. Meta nitkellmu fuq dan il-personaġġ nagħrfu li ma kellux deċiżjonijiet faċli quddiemu. Ma ninsewx li Abram telaq tqil bil-ġid minn fejn kien. Jissemmew l-imrieħel, in-nies kollha li kien hemm jaħdmu miegħu, martu, u n-neputi tiegħu.

X'jiġifieri "dar missieru"? Din mhijiex sempliċiment id-dar. Fl-Iskrittura tfisser ħafna iktar. Li ninfatmu mill-missier kultant nipperċepixxuha bħala kuntrarju għar-4 kmandament: "Weġġaħ 'il missierek u 'l ommok." Fid-dinja Lhudija, il-bżonn ta' rabta mad-dar tal-missier kien imperattiv, fis-sens li wieħed kien mistenni li jieħu ħsieb lill-ġenituri. Dan għaliex id-dar tal-missier kienet tirreferi għal dak kollu li wassalna biex inkunu dak li aħna llum. Aħna dak li aħna llum għax konna dak li konna lbieraħ. Madankollu, l-istedina t'Alla għall-bniedem hi li jinfatam mill-passat tiegħu. Mhux li ninsew il-passat, anzi hemm bżonn li nħarsu lejh u nitgħallmu minnu! Imma rridu wkoll ma **nħallux il-passat jikkundizzjonana**. Kif inħarsu lejn il-mod kif Abram telaq minn artu, tqil bil-ġid, naraw kif ir-rabtiet tiegħu minn dar missieru baqgħu hemm. Imtaqqal bil-ġid kollu f'eluf ta' kilometri li vvjaġġa.

## X'inhi d-destinazzjoni?

L-awtur ma jsemmix destinazzjoni. L-unika istruzzjoni minn Alla hi "lejn l-art li se nurik." Destinazzjoni fiżika m'għandniex, imma d-destinazzjoni spiritwali l-awtur jagħtihielna mill-ewwel: lejk innifsek, kif diġà rriflettejna. Is-sejħa hija dejjem stedina. Imma wħud mid-drabi l-ħajja ġieli tlaqqagħna wkoll ma' vjaġġi li jkollna niħduhom bilfors. F'din is-sejħa, li Abram aċċetta, kien hemm vjaġġi li kellu jieħu ta' bilfors, fosthom meta iktar tard ġie kostrett li jinżel lejn l-Eġittu meta waqa' l-ġuħ f'Kagħnan. Aħna wkoll għandna vjaġġi f'ħajjitna li wħud nistgħu nagħżluhom u oħrajn li huma bilfors. Ikunu xi jkunu l-vjaġġi, dejjem hemm l-opportunità li fihom niltaqgħu magħna nfusna, u Alla jużahom dawn iċ-ċirkustanzi, kif fil-verità għamel f'ħajjet Abram.

"We are birds in flight." Kemm hija profonda din il-frażi għaliex tixhed li l-**ħajja hija vjaġġ kontinwu.** L-għasafar jekk jieqfu jferfru l-ġwienaħ, jaqgħu. L-istess aħna. L-istess Abram. Minkejja n-nuqqas t'għarfien tad-destinazzjoni, jibqa' jtir mingħajr waqfien. B'mod interjuri, l-istess. Minkejja li forsi wħud minna bdew dan it-traġitt biex jiltaqgħu magħhom infushom, qatt ma nistgħu ngħidu li wasalna fid-destinazzjoni finali b'mod sħiħ.

## **Hemm lok għax-shortcuts?**

Id-deżert lilna l-bnedmin iwaħħaxna u hu proprju tal-waħx għaliex ilaqqagħna mal-limitazzjonijiet tagħna. Jekk fid-deżert wieħed sempliċiment jilwi siequ, din tista' tkun ta' theddida għall-ħajja. Jekk forsi wħud minna jbatu b'xi ħaġa respiratorja jew xi ħwejjeġ oħra kroniċi, l-istess. Id-deżert żgur li se jesponina għal iktar tbatija. Id-deżert huwa wkoll il-post tal-estremi: minn 50 grad matul il-jum sal-ġlata li tilħaq tifforma wara n-nida u l-kesħa tal-lejl. X'ma jwaħħaxniex! L-istess kien jitwaħħax il-poplu Lhudi tant li wieħed mill-kantiċi fid-Dewteronomju jirreferi għalih bħala "art imwarrba … deżert waħxi u bla nies." Madankollu, Alla jagħżel dan l-istess post bħala l-post tal-intimità tiegħu mal-poplu Lhudi. Fit-tieni kapitlu ta' Ħosegħa, Alla jgħid: "Jiena se niġbidha, neħodha fid-deżert u lil qalbha nkellem." L-awtur qed jirrappreżenta lill-poplu bħala tfajla, u **Alla li jagħżel id-deżert bħala l-post li fih jinnamra mal-poplu tiegħu.** Illum, Alla għadu jrid joħroġna miż-żoni ta' kumdità f'ħajjitna fid-deżert biex hemmhekk ikellem lil qlubna.

Il-verb għal *kelma* (titkellem) bl-Ebrajk huwa *dabar*. Mill-għeruq ta' dabar noħorġu l-kelma *midbar*, li tfisser *deżert*. Fuq l-istess kunċett, bil-Malti, mill-verb *ittir*, noħorġu n-nom mimmat *mitjar* (ajruport). Id-deżert, għaldaqstant huwa ekwivalenti għal *mitkellem*. Aħna fid-deżert ta' ħajjitna, se nfittxu shortcuts? Interessanti li malli Abram ifittex toroq iqsar, jipperikola l-wegħdiet kollha li jagħmillu Alla f'ħajtu. Kif diġà ssemma, kien hemm mument f'Kagħnan li fih waqa' l-ġuħ. Abram fid-deżert tan-Negev (iktar lejn in-Nofsinhar), jisma' b'dan il-ġuħ u jiddeċiedi li jaħrab lejn l-Eġittu. Deċiżjoni li ttieħdet mingħajr ebda konsultazzjoni m'Alla. Jagħmel ta' rasu jieħu triq alternattiva. X'jiġri? Kif jixref fuq il-fruntiera tal-Eġittu, jirrealizza li martu hija mara sabiħa ħafna fil-għajn u li probabbilment l-Eġizzjani kienu se jfittxu joqtluh biex jisirqu 'l martu. Għalhekk idur fuq martu u jgħidilha biex quddiem min se jiltaqgħu tgħid li hi oħtu u mhux martu. Ħa riskju mhux biss li jitlef lill-imħabba ta' ħajtu, imma wkoll il-potenzjal tal-ulied li Alla kien qed iwiegħdu. Li kieku ma kienx għall-intervent t'Alla, Abram kien jitlef lil martu. Iktar tard fil-ġrajja, meta l-wild imwiegħed baqa' ma ġiex, Saraj tagħżel triq alternattiva hi wkoll: tistieden lil żewġha jorqod ma' Ħagar. Fl-għarfien li Ħagar kienet il-qaddejja ta' Saraj, Saraj ippruvat tikkonvinċi 'l Abram li b'hekk l-ulied minn Ħagar ikunu tagħha mhux tal-omm naturali. Hawn diġà nilmħu l-kunċett tas-self tal-ġuf (surrogacy) li kienet realtà f'dawk iż-żminijiet. Abram għamel kif qaltlu Saraj u eventwalment din it-triq alternattiva kellha riperkussjonijiet kbar: qanqlet rivalità bejn il-wild ta' Ħagar (Ismagħel) u l-wild li ġie iktar tard minn Saraj (Iżakk), u li mbagħad issarrfet f'mibegħda bejn żewġ popli.

**Kif nistgħu nirrelataw ma' din is-sejħa?**

Deżert komuni li jwerwirna llum il-ġurnata huwa l-istorbju li jtarrax tas-skiet. Pereżempju, jekk ninqabdu fit-traffiku, faċilment ngħollu r-radju tal-karozza għaliex il-mumenti tas-skiet jiskomodawna. Is-skiet ilaqqagħna magħna nfusna. U apparti dan l-eżempju hemm ħafna iktar deżerti oħrajn. Jista' jkun ix-xogħol li bih nipprova naħrab realtajiet oħrajn. Fihom, l-isfida hija li aħna nirbħu l-biżgħat tagħna, niltaqgħu magħna nfusna, u hemm niskopru dak li mhux neċessarjament jogħġobna fina nfusna: dak li nipperċepixxu bħala ikrah, forsi fil-karattru, fil-persuna, f'dak li jqanqal dwejjaq fina u li jwaqqagħna wiċċna l-art meta niltaqgħu ma' ħaddieħor, fil-ħtija, eċċetra. **Fid-deżert tal-ħajja, Alla jrid ikellem lil qlubna** permezz ta' dawn l-affarijiet. U allura r-riflessjoni tiġi hawn: se nkunu kapaċi niltaqgħu ma' dawn l-aspetti ta' ħajjitna u nitħabbu magħhom? Jekk nitħabbu magħhom — l-istedina t'Alla għalina — inkunu kapaċi naċċettaw lilna nfusna u nkomplu t-triq għall-maturità. **Id-deżert li fih nippruvaw naħarbu l-insigurtajiet tagħna huwa l-post li fih Alla jixtieq ikun intimu magħna.**

*Missier Qaddis, nitolbuk tibgħat l-Ispirtu tiegħek fi qlubna u ddawlilna moħħna sabiex nagħrfu s-sejħat li tagħmel f'ħajjitna. Nitolbuk iddawlilna r-realtajiet li qegħdin fid-dlam, li jġegħluna naħarbu, u li bihom inħossuna skomdi. Għinna naċċettaw dawn ir-realtajiet, niltaqgħu magħhom, u bihom nikbru. Fuq kollox, Mulej, nitolbuk tagħtina l-qawwa tal-Ispirtu tiegħek li jagħtina l-kuraġġ ninqalgħu mill-kumditajiet tagħna biex nibdew dan il-vjaġġ. Il-vjaġġ t'Abram kien flimkien miegħek: inti kont hemm ma' kull pass li għamel f'ħajtu, kull pass fiżiku u spiritwali. Għalhekk nitolbuk biex dal-vjaġġ tar-Randan idaħħalna fina nfsuna għaliex hemm niskopru l-identità sabiħa tiegħek.*

# IDENTITÀ

**Abraham kellu bidla fl-identità tiegħu, saħansitra fl-isem. X'wassal għal dan?**

Il-vjaġġ hu proċess li jkompli tul il-ħajja kollha. L-istadju psiko-soċjali fuq iż-żogħżija ta' Erik Erikson (psikoanalista) bħal donnu jidħol kexxun fil-kliem tal-poeta nazzjonali, Dun Karm, meta ddeskriva 'l-baħar bħala ż-żagħżugħ ta' dejjem. Fuq l-istess analoġija, il-bniedem hu żagħżugħ ta' dejjem għaliex dakinhar li l-bniedem jieqaf ifittex u jiskopri l-identità tiegħu, imut. Kemm hu sabiħ li niltaqgħu m'anzjani li għadhom ifittxu mimlijin enerġija minkejja li forsi għandhom problem ta' mobbiltà jew kwalunkwe limitazzjonijiet oħra. Kif ngħidu, dawn jibqgħu bi spirtu żagħżugħ. **Importanti li l-bniedem jibqa' dejjem ifittex.**

Fl-ewwel taħdita ssemmew l-40 sena u kif dawn jissimbolizzaw stadju ta' ħajja. L-istadji t'Erikson nistgħu nissimbolizzawhom bħala '40 sena'. Mhux għax fiżikament huma 40 sena, imma għax jirrappreżentaw stadju sħiħ ta' ħajja. Iż-żgħożija tippreżentalna l-għażliet disponibbli kollha quddiemna (għażliet ta' suġġetti, karrieri, eċċetra); iż-żgħożija għandha l-perċezzjoni li l-anzjanità u l-mewt għadhom 'il bogħod; u għaldaqstant, fiha hemm l-enerġija għall-għajxien tal-għażliet li nagħmlu.

Fażi oħra hija l-mezz'età (middle age). Bil-Malti ngħidu li mal-kwaranta jibda jittanta, imma bl-Ingliż ngħidu li "life begins at 40." Tul dan iż-żmien, il-bniedem iħares lura lejn id-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu u jara l-identità tiegħu kif tista' tittrasforma. U s-sejħa t'Abraham kienet hawn. Fil-mument li fih Alla jibda jwettaq ir-rieda tiegħu f'Abram, bil-kollaborazzjoni tiegħu, l-isem jinbidel għal *Abraham*. L-isem ma nbidilx mas-sejħa, imma fil-proċess.

X'inhi l-bidla fl-isem? Fl-Iskrittura, l-isem mhuwiex biss it-tikketta li jagħtu l-ġenituri dakinhar tat-twelid. Fuq kollox huwa identità ta' persuna. L-isem *Abram* bl-Ebrajk ifisser *missier* (Ab) *il-kburija* (*ram* mill-verb *rum*), li mill-ġdid jagħtina ħjiel għalfejn inizjalment baqa' kkakkmat mal-ġid li kellu. Bil-mod il-mod, l-identità nbidlet meta fil-proċess Alla beda jsejjaħlu *Abraham*. Issa l-isem ġie jfisser *missier* (Ab) il-*ġuf* jew il-*ħniena* (*raham* imnissla minn *rehem*). Fl-Ebrajk in-nom għal ġuf u ħniena huwa l-istess, għaliex fil-ġuf hemm l-ikbar ħniena tal-omm li tagħti spazju minn ġisimha għat-tarbija biex tikber. Abraham sar missier il-ġuf attwalment, għaliex minnu twieldet kotra kbira ta' ġnus. Daqstant ieħor, kien missier il-ħniena: wera ħnientu ma' Lot diversi drabi meta nqabad f'diversi problemi u meta Abraham tah iċ-ċans biex jagħżel biċċa art għalih u Lot eventwalment għażel l-aħjar sehem. Hawnhekk, allura, għandna identità li tittrasforma ruħha tul il-ħajja.

Hawnhekk tajjeb nieqfu nistaqsu lilna nfusna fejn ninsabu fil-preżent u x'forma għandha l-identità personali tagħna f'dan l-istadju tal-ħajja. Kif qegħdin nikbru mill-istadju preċedenti tal-ħajja?

## Alla jerġa' jibdielu?

Min jaf kemm-il darba staqsejnieha lilna nfusna din il-mistoqsija. Meta nkunu fil-mixja tal-ħajja u f'daqqa waħda jitfaċċa ħajt quddiemna. F'dawn il-mumenti ġustament nistaqsu dwar jekk Alla reġax bdielu. Iżakk twieled f'età meta Abraham u Sara kienu anzjani: huwa mod kif l-awtur sagru ried jurina l-impossibbiltà tal-konċepiment bejniethom, mhux għax neċessarjament kellhom dik l-età. U meta fl-aħħar wasal Iżakk, issa kif Alla qed jitlob lil Abraham jissagrifika lil ibnu? Jerġa' jibdielu?

Aħna ħafna drabi din ħadnieha b'sens litterali b'tali mod li niddiskrivu dan l-episodju bħala eżami ta' fidi, li fl-aħħar mill-aħħar kien eżami ta' fidi. Iżda possibbilment hija ħafna iktar minn hekk. Din il-ġrajja hija d-don minn Alla għal Abraham biex jiskopri l-identità ta' missieru fih innifsu. Ejjew nilbsu ftit il-qorq t'Abraham u ta' Sara bħala ġenituri u nimmaġinaw li twieled dan it-tifel wara snin twal ta' stennija. Skont it-test, tmenin sena sħaħ ta' stennija. Min jaf x'aspettattivi kien hemm fuq dan l-iben! Min jaf kemm proġezzjonijiet ta' pjanijiet li setgħu joħonquh! Għalhekk, apparti l-aspett t'eżami ta' fidi, f'dal-episodju Alla qed jagħmel xi ħaġa iżjed sabiħa u profonda għaliex fih qed jippreżenta l-veru don tal-paternità lil Abraham. Fi ftit kliem, Alla kien qed jistieden lil Abraham jissagrifika l-ideat u l-proġetti li kellu għal ibnu sabiex hu jgħix t'Iżakk, u mhux t'Abraham ieħor. Dan hu d-don veru tal-ħajja paterna u materna: li aħna nagħrfu l-limiti sa fejn nistgħu naslu u nieqfu m'uliedna. Għaldaqstant, nagħrfu li Alla mhux talli ma jerġax jibdielu, imma fuq kollox qed jagħmel ġustizzja ma' ħajjet Iżakk u jagħti don lil Abraham li jiskopri iktar l-irwol ta' missier. Forsi nistaqsu għalfejn Alla tkellem b'mod daqstant enigmatiku. Alla hekk jitkellem magħna. Mhux għax iħobb ikun diffiċli, iżda għaliex jixtieq li l-vjaġġ tagħna magħna nfusna nagħmluh fil-milja tiegħu. Min jaf kemm-il darba fl-Iskrittura l-bniedem jistaqsi mistoqsija u Alla jwieġbu lura b'mistoqsija! Din narawha anke fid-dinja professjonali, partikularment fil-psikoterapija jew fid-direzzjoni spiritwali. Ħafna drabi nidħlu għal sessjoni mimlijin mistoqsijiet u nippretendu li noħorġu b'iktar tweġibiet. Madankollu, f'ħafna drabi, jiġrilna li noħorġu b'iktar mistoqsijiet. Dawn **il-mistoqsijiet huma importanti għaliex jisfidawna biex nistaqsu lilna nfusna** u mhux nistennew tweġiba fuq platt tal-fidda jew il-bajtra taqa' f'ħalqna. **Il-mixja interna lili tgħinni nikber bis-serjetà.** Għalhekk m'Alla

nsibu iktar mistoqsijiet. Biss, hu se jkun hemm jgħinna nwiġbuhom meta nikkoperaw fil-vjaġġ miegħu.

### X'inhi l-identità li niskopru f'Alla?

Fl-aħħar mill-aħħar, f'dil-ġrajja niskopru li l-veru Abraham huwa Alla nnifsu: il-veru missier tal-ħniena. L-għajn ta' kull faraġ, anke jekk l-esperjenzi tal-ħajja mhux dejjem iħalluna naraw dan. Kultant dawn jimbuttawna biex naħsbu li Alla biddel fehmtu. Interessanti li meta Abraham jiddeċiedi li joffri lil ibnu b'sagrifiċċju — u allura kien lest li jkisser il-pjanijiet personali tiegħu biex jagħti spazju għall-pjanijiet t'Alla — Alla jipprovdi alternattiva biex jingħata s-sagrifiċċju. Abraham, min-naħa tiegħu, isemmi l-post Jaħweh-jire, jiġifieri li Alla jara. Alla li juri nnifsu u jipprovdi. Min jaf kemm aħna wkoll inkunu f'sitwazzjonijiet ta' tbatija u mmissu l-qiegħ! **Alla jsibna hemm. Fejn inkunu.** Fil-mumenti tad-dlam, fiċ-ċirkustanzi ma narawhx lil Alla. Iżda meta nħarsu lura nilmħu kemm Alla huwa verament providenti u li qed jara. U naraw aħna wkoll li Alla kien hemm jimxi magħna pass pass.

### Abraham għal Alla kien jibni artali permanenti, iżda għalih personali kien jibni biss tined. X'tgħidilna din l-immaġni?

Diġà għamilna referenza għall-għasafar tal-passa li huma kontinwament fi vjaġġ. Fil-fatt li Abraham bena tined, nagħrfu li, bħall-għasafar, aħna l-bnedmin nomadi f'din id-dinja u s-sema hija l-vera pajjiż tagħna. Il-kritika Marxista għal dan targumenta li l-fidi tagħna tippreżentalna kejk fis-sema u allura f'din id-dinja naċċettaw kollox, ikun kif ikun. Imma l-fidi tagħna mhijiex hekk, anzi aħna rridu nkunu kooperaturi t'Alla minn din il-ħajja stess. Tant hu hekk li Abraham bena artali permanenti (bi fdalijiet arkeoloġiċi t'artali ta' dik l-epoka li għadhom jinsabu fid-deżert tan-Negev eluf ta' snin wara) lil Alla li huwa nnifsu huwa permanenza. U dan l-istess Alla tal-permanenza għażel u ddeċieda li jgħix fit-tined magħna l-bnedmin. Ftit paġni wara, fil-ktieb tal-Eżodu, Alla jagħżel li jgħammar "fit-tinda tal-laqgħa" (Kap. 40), u fuq kollox, li jiġi u jgħix fostna permezz ta' Ġesù Kristu. Interessanti dak li nitolbu fl-Anġelus: il-Verb sar bniedem/laħam u għammar fostna. Meta naqrawha bil-Grieg, il-kelma għal *sar laħam (eskénosen)* hija mnissla mill-kelma *tinda (skenos)*: Ġesù waqqaf it-tinda tiegħu fostna. Allura, hawnhekk nilmħu l-oppost ta' dak li pprova jagħmel il-bniedem f'Babel meta bena dak iż-Żigurrat: torri li hu xbieha tal-bniedem li dejjem irid ikollu kontroll f'ħajtu. Aħna nagħrfu li l-kontroll assolut ma jeżistix fil-ħajja. Aħna lanqas kapaċi nikkontrollaw jekk jinbidilx il-kulur ta' xagħarna meta nikbru (xi ħaġa daqstant żgħira f'ġisimna), aħseb u ara tant ħwejjeġ ikbar u 'l barra minna. It-tagħlima f'dan kollu hi li l-ħajja tirrikjedi minna li ma

niggranfaw ma' xejn. Meta ngħammru f'tinda jiġifieri li ma jkollniex għeruq u li ma nibqgħux ikkakkmati ma' post. Jasal iż-żmien li fih ikollna nċedu ftit mill-ħabel, inżarmaw t-tinda u narmaw f'post ieħor. Min-naħa l-oħra, Alla, li jagħżel li jiġi jgħammar fit-tinda, jurina r-rieda tiegħu li jimxi **pass pass magħna f'ħajjitna.** Dan iqawwilna qalbna.

F'dan kollu, f'dan il-vjaġġ tar-Randan, tajjeb li nistaqsu lilna nfusna x'qed iżommna kkakkmati mal-post li ninsabu fih bħalissa.

X'qed iżżommna milli nikbru? X'permanenza qegħdin nagħtu lil ħajjitna? Aħna liberi li bħal Abraham nibnu tinda jew qed inħabirku biex nibnu t-torri ta' kontroll bħall-Babilonja? Fejn nistgħu naslu?

Għad-destinazzjoni fiżika m'għandniex risposta. Iżda għal dik spiritwali għandna: **Alla jrid ilaqqagħna magħna nfusna**, u hemm niskopru l-identità vera tagħna u t'Alla, il-missier veru tal-ħniena.

*Mulej Ġesù, inti għażilt li tterraq fit-toroq tal-Art Imqaddsa passi fiżiċi u konkreti f'din id-dinja. Għażilt li tkun wieħed bħalna f'kollox minbarra fid-dnub. Fik naraw Alla li jrid jidħol f'intimità mal-bniedem. Jinteressak tant minna li tiddeċiedi li tagħmel vjaġġ magħna. Filwaqt li nirrikonoxxu dan is-sabiħ u din il-grazzja, nitolbuk tibgħat l-Ispirtu Qaddis tiegħek biex ma naqtgħux qalbna u b'hekk niskopru s-sabiħ li ma nibqgħux imwaħħlin fil-ħajja. Inkomplu niskopru l-identità tagħna u, fuq kollox, lilek kif tassew inti. Ningħaqdu ma' Santu Wistin li jgħid li qlubna ma jsibux mistrieħ jekk mhux fik. Tina l-grazzja li nibqgħu nfittxuk sabiex qlubna jibqgħu jistrieħu fik. Int biss tista' tkun il-milja tal-qlub u l-ħajjiet tagħna.*

mcyn

malta catholic youth network